Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 307/2016/1

**Express Aluminium Limited (appellata)**

**Vs**

**International Meats Limited (appellanti)**

2 ta' Marzu, 2018.

1. B'sentenza tat-3 ta' Frar, 2017 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lis-socjeta konvenuta (appellanti) thallas lis-socjeta attrici (appellata) s-somma ta' tlett elef erba' mija u disgha u hamsin ewro u tmien centezmi (€3,459.08), hlas dovut ghall-konsenja ta' xoghol ta' aluminju fuq ordni tal-konvenuta.

2. Fit-23 ta' Frar, 2017 l-appellanti pprezentat rikors tal-appell. L-aggravji jkunu li:
   i. Ma thallitx tressaq eccezzjonijiet u provi.
   ii. Giet skartata ghal kollox il-prezenza tal-avukat taghha.

3. Fil-15 ta' Marzu, 2017 l-appellata pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

5. **<u>Fatti</u>.**
   i. Fit-3 ta' Awissu 2016 l-appellata pprezentat l-avviz tat-talba.
   ii. Il-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2016.
   iii. Fit-12 ta' Settembru, 2016 l-appellanti kienet notifikata bl-atti.
   iv. Fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2016 kien prezenti biss id-difensur tal-appellata. Mill-verbal jirrizulta li kien biss wara s-smiegh li attenda l-avukat tal-appellanti u *"... kkonferma lis-socjeta konvenuta hi kontumaci"*.
   v. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 id-difensur tal-appellanti talab differiment peress li qal li kien hemm probabbilta ta' transazzjoni. It-Tribunal laqa' t-talba.
   vi. Fis-7 ta' Dicembru, 2016 l-appellata pprezentat nota fejn iddikjarat li ma kienx minnu li tezisti probabbilta ta' transazzjoni.
   vii. Fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 ma deher hadd ghas-socjeta appellanti u l-kawza thalliet ghat-3 ta' Frar, 2017 ghas-sentenza wara li

d-difensur tal-appellata rega’ kkonferma dak li kien gie ddikjarat fin-nota tas-7 ta’ Dicembru, 2016.

viii. Fis-seduta tat-3 ta’ Frar, 2017 nghatat sentenza. Prezenti ghall-appellanti kien id-difensur taghha li ta avviz li kienet ser tappella.

6. Mill-atti jirrizulta li l-appellanti ma pprezentatx twegiba ghall-avviz tat-talba. L-opposizzjoni tat-talba ghandha ssir permezz ta’ twegiba (ara regolament 4 ta’ Legislazzjoni Sussidjarja 380.01). Ghalkemm kien hemm xi seduti li ghalihom attenda d-difensur taghha, mill-verbali ma jirrizultax li qatt talab sabiex l-appellanti tithalla tiggustifika r-raguni ghalfejn ma pprezentatx twegiba. Inoltre ma jirrizultax li qatt talab sabiex l-appellanti tressaq il-provi. Lanqas ma jirrizulta li pprezentat rikors f’dan ir-rigward. Hekk ukoll fl-ebda wahda mis-seduta li fihom deher id-difensur tal-appellanti ma jirrizulta li ddikjara li qeghda topponi t-talba u ta r-raguni ghalfejn. Dak li hemm stampat fil-verbal ta’ kull seduta hu l-ahjar prova, u anzi l-uniku prova li l-qorti ghandha quddiemha. Ghal xejn imbaghad wara s-sentenza wiehed joqghod jilmenta. Fic-cirkostanzi hu ghal kollox minghajr bazi l-ilment tal-appellanti li ma thallitx tipprezenta twegiba u tressaq provi.

7. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju li t-Tribunal skarta ghal kollox il-prezenza tal-avukat tas-socjeta appellanti, il-qorti mhijiex tal-fehma li t-Tribunal naqas meta halla l-kawza ghas-sentenza. F’dan ir-rigward rilevanti hu li:-

i. Fis-seduta tat-18 ta’ Novembru, 2016 laqa’ t-talba tad-difensur tal-appellanti sabiex jinghata differiment minhabba li qal li hemm probabbilta ta’ transazzjoni. Il-kawza thalliet ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2017.

ii. Fis-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2017 deher biss id-difensur tal-appellata li kkonferma li qatt ma kien hemm probabbilta ta’ transazzjoni (ara wkoll nota li pprezentat fis-7 ta’ Dicembru, 2016).

Kawzi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar huma sommarji (artikolu 9(2)(a) tal-Kap. 380). Fix-xenarju li kellu quddiemu fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2017, it-Tribunal kellu kull dritt li jiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza, iktar u iktar meta ma kellux opposizzjoni tal-appellanti. Li kieku l-appellanti kellha nteress l-inqas li kellha taghmel hu li bejn is-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2017 u qabel it-3 ta’ Frar, 2017, tipprezenta rikors u titlob lit-Tribunal sabiex ma tatix is-sentenza u minflok jaghtiha l-opportunita tressaq il-provi taghha kif ukoll taghti raguni ghalfejn hadd m’attenda ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2017. Lanqas fis-seduta tat-3 ta’ Frar, 2017 ma jirrizulta li d-difensur tal-appellanti ghamel talba f’dak is-sens jew kien hemm jakkumpanjah rapprezentant tal-appellanti sabiex jixhed.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta appellanti.**

Anthony Ellul.